MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' April, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Jason Zammit ta' 27 sena, iben Emanuel**
**u Mary nee Formosa, mwieled Pieta' fid-19.11.75,**
**u joqghod Flat 6, Block B-2, Triq il-Madonna ta' Fatima,**
**Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 537375 M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jason Zammit li gie akkuzat illi b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

(a) talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Ottubru, 2002 u l-4 ta' Ottubru, 2002 mis-Swatar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, ghad-detriment tal-likwidaturi tal-kumpanija 'Price Club Operators Ltd." u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, kif ukoll bil-valur li ma jeccedix l-elf lira (Lm 1000),
(b) talli matul il-lejl ta' bejn l-4 ta' Ottubru, 2002 u l-5 ta' Ottubru, 2002 mis-Swatar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, ghad-detriment tal-likwidaturi tal-kumpanija bl-isem 'Price Club Operators Ltd' u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jeccedix l-elf lira (Lm 1000),
(c) talli f'dawn il-gzejjer matul il-perjodu ta' bejn is-6 ta' Ottubru, 2002 u l-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom,
(d) talli matul il-lejl ta' bejn l-4 ta' Ottubru, 2002 u l-5 ta' Ottubru, 2002 bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta' serq mill-istabbiliement Price Club fis-Swatar, ghad-detriment tal-likwidaturi tal-kumpanija 'Price Club Operators Ltd.' u /jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija,
(e) talli f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-4 ta' Ottubru, 2002 u l-5 ta' Ottubru, 2002 kif ukoll fil-jiem ta' qabel, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltija saret ghad-detriment tal-likwidaturi tal-kumpanija bl-isem 'Price Club Operators Ltd.' u/jew persuni ohra.

Fl-ahhar nett akkuzat talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 18.3.1997, 12.10.1999 u 8.1.2001 liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ammissjoni tieghu bikrija fi stadju ta' interrogatorju, kif ukoll li l-akkuzat anke rritorna r-res furtiva kollha u dan kif ivverbalizza mill-partijiet.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Rat ukoll f'dan ir-rigward il-fedina penali ta' l-akkuzat li frankament ma tirifletti xejn tajjeb fuqu. Jidher li Jason Zammit ghal darba tnejn gia nstab hati ta' serq, kif ukoll ikkommetta diversi reati taht il-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ta' dawn ir-reati Zammit ibbenefika mhux darba mil-lenjanza tal-piena, tant li anke tqieghed taht ordni ta' probation li frankament ma tantx jidher li ta kazha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-debita ammissjoni u l-verbal tal-partijiet rat l-art 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 334, 17, 49, 50 tal-kap 9 u qeghda tikkundannah piena karcerarja ta' sena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------